# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 29/20/1 BS**

**Charlayne Josephine Mintoff**

**v.**

**Jason George Mintoff u Louis Mintoff**

1. Dan huwa appell wara kawża mibnija mill-attriċi appellata kontra żewġha Jason George Mintoff u missieru Louis Mintoff. Fi żmien il-preżentata ta' dawn il-proċeduri l-attriċi u Jason George Mintoff kienu jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali u kienu jgħixu f'residenzi separati. L-attriċi baqgħat tirrisjedi fid-dar matrimonjali f'Għasri filwaqt li l-konvenut kien jirrisjedi f'*penthouse* ġewwa Marsalforn. L-attriċi ssostni fir-rikors ġuramentat tagħha illi f'xi żmien bejn id-9 ta'April, 2020, u s-17 ta'April, 2020, is-serraturi tad-dar matrimonjali ġew mibdula,

u skont l-attriċi huma biss il-konvenuti li setgħu jibdlu din is-serratura peress li huma għandhom sett ċwievet kull wieħed.

2. F’dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> *“1. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom meta bidlu s-serraturi tal-bibien ta’ barra tad-dar matrimonjali ‘Suenos’, Triq Salvu Gambin, Għasri, u sakkru barra lill-attriċi jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu u preġudizzju tad-drittijiet serju tal-attriċi;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jisporgaw l-ispoll minnhom kommess fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti billi jew min minnhom jiġu ordnati jibdlu s-serraturi mill-ġdid ma’ dak li kien hemm qabel ma sar l-ispoll jew billi jipprovdu aċċess liberu għad-dar matrimonjali mod ieħor lill-attriċi kif jogħġobha tipprovdi din il-Qorti biex l-attriċi tigi reintegrata fil-pussess tal-istess dar matrimonjali;*
>
> *3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jirripristinaw l-ispoll minnhom kommess sa zmien lilhom mogħti, tawtorizza lill-attriċi tbiddel is-serraturi jekk hemm bzonn b’opera ta’ perit nominand, u dan a spejjeż tal-konvenuti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-inġuzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarkin.”*

3. Il-konvenuti appellanti eċċepew, *inter alia,* (1) li Louis Mintoff m’huwiex leġittimu kontradittur f’din l-azzjoni, (2) li l-attriċi jeħtieġilha tipprova li jeżistu l-elementi kostituttivi kollha ta’ kawża ta’ spoll, (3) li l-attriċi allontanat ruħha u abbandunat id-dar matrimonjali minn jeddha u marret toqgħod għand il-ġenituri tagħha xhur qabel dawn il-proċeduri, u (4) li l-mertu ta’ dawn il-proċeduri huwa eżawrit stante li wara li ġiet preżentata din il-kawża ġie esegwit il-mandat ta’ deskrizzjoni numru 38/2020BS permezz ta’ żgass u s-serratura nbidlet minn mastrudaxxa

nkarigat mill-attriċi waqt li ċ-ċwievet ġew depożitati taħt l-awtorita` tal-Qorti.

4. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) tat-8 ta' Ġunju, 2021, ġie deċiż hekk:

> *"Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi:*
>
> *Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.*
>
> *Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti abbuzivament u llegalment ikkommettaw spoll vjolenti fil-konfront tal-attriċi meta ġew mibdula s-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar matrimonjali 'Suenos', Triq Salvu Gambin, Għasri.*
>
> *Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba ġaladarba ċ-ċwievet tal-fond jinsabu depożitati taht l-awtorita` tagħha, il-Qorti tiddikjara l-impossibilita` li tilqa' dawn it-talbiet kif dedotti u għaldaqstant tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti."*

5. Il-konvenuti preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-21 ta' Ġunju, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet imqajma jew liema waħda minnhom, u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata.

6. L-appellata preżentat ir-risposta tal-appell tagħha flimkien m'appell inċidentali fl-14 ta' Lulju, 2021, permezz ta' liema talbet li l-appell tal-konvenuti jiġi miċħud, filwaqt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi rriformata billi jiġu milqugħa wkoll it-tieni u t-tielet talbiet.

7. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom għall-appell inċidentali tal-attriċi fis-17 ta'Awwissu, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali intavolat mill-attriċi.

**Ikkunsidrat;**

**<u>L-Appell Prinċipali</u>**

**L-Ewwel Aggravju**

8. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenuti appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet li Louis Mintoff huwa leġittimu kontradittur għax kellu kopja taċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni. Jgħidu li skont il-ġurisprudenza kawża ta' spoll tista' ssir kontra kull min jieħu sehem bl-egħmil spoljattiv, basta dan jiġi pruvat u li hija l-attriċi li għandha l-oneru tal-prova li Louis Mintoff ħa xi sehem fl-allegat att spoljattiv. Isostnu li mhux biżżejjed għall-attriċi li tipprova li Louis Mintoff kellu kopja taċ-ċavetta u li ma kienx biżżejjed għall-Ewwel Qorti li tgħid li għad trid tistabilixxi l-fatti.

9. L-attriċi appellata tgħid li mill-provi rriżulta ċar li min biddel is-serratura tal-garaxx kellu bilfors jagħmel hekk minn naħa ta' ġewwa tal-

bieb u li ż-żewġ konvenuti kellhom kopja taċ-ċavetta tad-dar. Tgħid li Louis Mintoff kellu kull opportunita` li jipprova li mhux hu iżda huwa lanqas biss deher għas-seduti tal-Qorti. Targumenta li Louis Mintoff ma ħa l-ebda passi biex jipproteġi l-proprjeta` ta' ibnu jekk xi ħadd mhux magħruf qaflu barra u wkoll li baqa' passiv u ma offra l-ebda assistenza meta kien qed isir l-iżgass mill-Marixxal tal-Qorti.

10. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> *"Il-konvenut Louis Mintoff eċċepixxa li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi.*
>
> *Jidher illi l-konvenut Louis Mintoff ġie mħarrek abbazi tal-fatt illi hu ukoll kellu kopja taċ-ċwievet tad-dar matrimonjali u tal-garaxx. Tajjeb jingħad illi din id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi ma ġietx kontestata anki għaliex l-konvenuti għazlu illi ma jixħdux f'dawn il-proċeduri. Fin-nuqqas ta' konstestazzjoni f'dan ir-rigward u peress illi l-Qorti għadda trid tistabbilixxi l-fatti, il-Qorti hija tal-fehma meqjusa illi l-konvenut Louis Mintoff, qua detentur ta' kopja taċ-ċwievet tal-fond de quo għandu l-interess li trid il-liġi. Għalhekk din l-eċċċezzjoni sejra tiġi miċħuda."*

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

11. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. L-appellanti jsostnu li l-attriċi kellha tressaq prova li Louis Mintoff kien ikkommetta jew ipparteċipa fl-att spoljattiv u li fl-assenza ta' din il-prova Louis Mintoff kellu jiġi dikjarat li mhux leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni. Dan l-argument pero` huwa żbaljat. Din il-prova jeħtieġ li ssir fil-mertu, iżda mhux fl-istadju tad-determinazzjoni ta' min hu leġittimu kontradittur.

Sabiex jiġi determinat jekk Louis Mintoff huwiex leġittimu kontradittur il-prova li għandha tagħmel l-attriċi hija fuq bażi *prima facie*, għaliex id-determinazzjoni ta' min hu leġittimu kontradittur issir mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tat-talbiet attriċi fil-mertu. Kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Grace Borg v. Edward Basile et** tat-8 ta' Settembru, 2019:

> *"Il-Qorti, hija u tiddelibera dwar l-eċċezzjoni, trid isserraħ biss fuq dak li l-attur jallega fid-domanda, u mhux fuq jekk fil-fatt humiex fondati; fi kliem ieħor jekk humiex veri jew le. Dan l-eżami jsir iktar tard. F'dan l-istadju, id-domanda tal-attur tiġi ammessa fil-konfront tal-konvenut għall-mument biss u proviżorjament - si vera sint exposita."*

12. L-attriċi xehdet li hemm tlett persuni li għandhom ċavetta għall-fond in kwistjoni: hi u ż-żewg konvenuti. Din ix-xhieda la ġiet kontestata u lanqas kontradetta. Imbagħad, mix-xhieda tal-mastrudaxxa Michael Camilleri jirriżulta li min biddel is-serratura bilfors kellu bżonn li l-ewwel jaċċedi ġewwa l-fond għaliex dan it-tibdil seta' jsir biss min-naħa ta' ġewwa. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-provi huwa sufficjenti sabiex fuq bażi *prima facie* jiġi determinat li Louis Mintoff huwa leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

13. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat u qed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

14. Permezz ta’ dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta laqgħet it-talbiet attriċi fil-mertu billi l-attriċi naqset għal kollox milli tipprova li huma jew min minnhom wettqu l-att spoljattiv lamentat minnha. Isostnu li l-Ewwel Qorti ma tgħid imkien mnejn wasslet għall-konklużjoni tagħha u donnha waslet biex tagħmel dawn l-assunzjonijiet mingħajr l-ebda prova. Jargumentaw illi huma bil-ġurament tagħhom u sa mill-bidu tal-kawża qalu li huma ma wettqu l-ebda att spoljattiv u għalhekk kien jinkombi fuq l-attriċi illi tissodisfa l-oneru tal-prova li l-konvenuti mħarrka minnha wettqu l-att spoljattiv allegat, ħaġa li hija m’għamlitx. Jgħidu li l-argument tal-appellata mibni fuq il-fatt li huma kellhom iċ-ċwievet tal-fond ma jagħmel l-ebda sens peress li l-attriċi ma ressqet l-ebda prova tal-involviment tagħhom, liema prova kellha tkun waħda diretta. Isostnu li dak allegat mill-attriċi jammonta għar-reat kriminali ta’ *ragion fattasi* u għalhekk m’għandux japplika oneru ta’ prova batut jew xi prova konġetturali, ċirkostanzjali jew assunzjoni, iżda prova li tersaq ħafna lejn dik rikjesta fil-kamp penali. Jgħidu li kienet l-attriċi li kkapparrat id-dar matrimonjali li hija parafernali ta’ Jason Mintoff u jistaqsu għalfejn marret toqgħod fid-dar tiegħu meta r-relazzjoni tagħhom spiċċat u m’għandhomx tfal, u jżidu li din hija *messa in scena* tal-attriċi sabiex tipprovoka lil żewġha. Fir-rigward tax-xhieda tal-mastrudaxxa jgħidu li din m’hijiex prova kontra tagħhom għaliex setgħat kienet l-attriċi

li biddlet is-serratura jew xi ħadd f'isimha u li dan huwa possibbli kkonsidrat il-manuvri li qed tagħmel fil-kawża ta' separazzjoni. Jgħidu li l-attriċi u ommha m'humiex kredibbli għaliex ix-xhieda tagħhom hija konfuża u kontradittorja.

15. L-appellata tirribatti illi dan l-aggravju huwa infondat għall-istess raġunijiet esposti in risposta għall-ewwel aggravju. B'żieda ma' dan tgħid illi meta kienet marret id-dar matrimonjali u sabet is-serratura tal-garaxx mibdula u dik tal-bieb tad-dar b'ċavetta imblokkata fiha, hija kienet fil-pussess tad-dar matrimonjali u taċ-ċwievet u ma kellha assolutament l-ebda raġuni għalfejn tivvinta storja bħal din.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-azzjoni attriċi hija l-actio spolii. Din hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji kontemplati taħt il-Kodiċi Ċivili. Huwa ben magĦruf li l-actio spolii hija azzjoni ta' natura pubblika mpernjata fuq bzonn soċjali li jiġi protett il-pussess u li kull ċittadin jiħi prekluż milli jieħu l-liġi f'idejh. Għalhekk azzjoni ta' spoll isservi sabiex jiġi reintegrat il-pussess li jkun ġie mfixkel.*
>
> *L-azzjoni ta' spoll hija regolata permezz ta' l-artikolu 535 tal-Kap. 16. Iddisposizzjoni taqra hekk:*
>
>> *"(1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*
>>
>> *(2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll." Minn din id-dispozizzjoni jidher illi tlieta huma l-elementi kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll:*

*a) Il-pussess (actor docere debet possidesse)*

*b) L-att spoljattiv (spoliatum fuisse)*

*c) L-att seĦĦ fix-xahrejn immedjatament qabel inbdew il-proċeduri dwar l-ispoll (infra bimestre deduxisse)*

*Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin b'tant illi jekk wiehed minn dawn l-elementi jkun nieqes l-azzjoni ma tirnexxix.*

*Il-Pussess*

*Dwar l-element tal-pussess ingħad illi "ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali di fatto, kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess di diritto ta' min ikun akkwista l-haga."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Tiziana Pane` vs Antonio Pane` deċiza millPrim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ingħad hekk:*

*"Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir, u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess u dak tal-ispoll. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv;"*

*Huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li l-azzjoni ta' spoll tista' tiġi ezerċitata anki meta l-ispoljant ikollu l-komproprjeta` tal-haġa li tagħha l-ispoljat ikun sofra l-ispoll.*

*Fil-kaz ta' llum m'hemm ebda dubju illi l-attriċi kellha aċċess liberu għall-post u kienet tidħol u toħroġ fih kull x'hin trid anki għaliex għalkemm hemm pendenti proċeduri ta' separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-konvenut Jason George Mintoff, il-fond de quo għadu sa llum jifforma d-dar matrimonjali tal-partijiet. Anke jekk fir-risposta ġuramentata tiegħu l-imharrek iressaq l-argument illi kienet proprju l-attriċi li allontanat ruħha mid-dar matrimonjali, dan l-argument ma jistax ireġi f'azzjoni bhal dik ta' llum. Fil-kuntest tat-talbiet attriċi dak illi l-Qorti hija msejjħa tistabbilixxi huwa jekk kienx hemm pussess mhux jekk kienx hemm residenza.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi dan l-element fl-azzjoni attriċi gie ppruvat.*

*Spoliatum fuisse:*

*Illi dwar l-element ta' l-ispoll vjolenti u klandestin, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava deċiża fit-22 ta' April, 1988 ħie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell illi:*

> *"Hemm ċerti rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tkun tista' tiġi ezerċitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-moħbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haħa mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*

*Sabiex ikun sodisfatt dan it-tieni element jeħtieg issir il-prova li l-att ta' spoll sar b'mod arbitrarju, kontra r-rieda tal-possessur u bil-moħbi ta-l-pussessur.*

*Fil-każ ta' llum l-attriċi tilmenta mill-fatt illi sabet is-serraturi mibdula. Dan il-fatt intebħet bih meta hi stess marret sabiex taċċedi għad-dar matrimonjali. Il-mastrudaxxa nkarigat mill-Qorti spjega kif sabiex jinbidlu s-serraturi tal-bieb tad-dar u tal-garaxx wieħed jeħtieġ illi bilfors ikollu l-aċċess minn naha ta' ġewwa tal-bibien u dan minħabba l-mod ta' kif is-serraturi jintrabtu fuq in-naħa ta' wara tal-bieb. Mix-xhieda tal-attriċi jidher illi kien hemm tlett kopji taċ-ċwievet, waħda minnhom kienet izzommha hi waqt illi ż-żewġ kopji l-ohra kienu kopja għand kull wieħed mill-konvenuti. L-attriċi xehdet ukoll illi l-konvenut Jason George Mintoff kien jaċċedi ġewwa l-fond meta ma jkunx hemm hi fid-dar u dan il-fatt ma ġiex kontestat.*

*Tajjeb jingħad illi ma jirriżultax illi l-attriċi rraportat dan il-fatt lil Pulizija u filfatt lanqas ma jirriżultaw proċeduri dwar ragion fattasi fil-konfront tal-konvenuti.*

*Il-konvenuti caħdu li kkommettew spoll u meta l-Marixxall tal-Qorti talab lill-konvenut Jason George Mintoff għaċ-ċwievet tal-fond għall-fini li jiġi eżegwit il-mandat ta' deskrizzjoni, l-imsemmi konvenut baqa' jinsisti li ma kellux kopja taċ-ċwievet tant li l-attriċi kienet kostretta tintavola rikors sabiex titlob li jsir sgass.*

*Għalkemm il-konvenuti ma ressqu ebda provi u waqt illi fir-risposta tagħhom jiċħdu li kkommettew spoll, fl-istess waqt, sabiex jiggustifikaw l-aġir taghħhom, permezz tal-eċċezzjoni numru hamsa (5) jeċċepixxu li "l-attriċi minn jeddha allontanat ruħha minn u abbandunat il-fond imsemmi fir-rikors maħluf u marret toqgħod fid dar tal-ġenituri tagħha xhur qabel dawn il-proċeduri". Għalkemm l-attriċi stess tikkonferma li marret tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha sabiex tassistihom, dan ma jagħtix lill-konvenuti jew min minnhom il-jedd illi jinbidlu s-serraturi tal-fond. Fil-kaz ta' llum jirriżulta ppruvat dan it-tieni element tal-azzjoni peress li fil-fehma talQorti s-serraturi nbidlu fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-attriċi.*

*Infra bimestre deduxisse*

*Dan l-element irid illi l-kawża tiġi ntavolata entru xahrejn minn mindu jseħħ l-att spoljattiv.*

*Fil-kawża fl-ismijiet Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar deċiża fit-13 ta' Frar 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inghad illi:*

> *"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura lazzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treġġi."*

*Jinkombi fuq l-attur illi jipprova l-fatt minnu allegat. F'dan il-kuntest il-prova trid tkun dwar il-mument meta seħħ l-att spoljattiv u mhux ilmument meta l-attur ikun intebaħ bl-ispoll.*

*L-attriċi tgħid illi kienet marret fid-dar matrimonjali fl-10 ta' April 2020 u dak inhar daħlet fil-fond mingħajr xkiel. Meta reġgħet marret ġimgħa wara u ċioe fis-16 ta' April 2020 hija ntebħet li s-serraturi kienu nbidlu. Il, il-kawża odjerna ġiet intavolat fit-8 ta' Mejju 2020 u għalhekk infa bimestre deduxisse.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi saret il-prova tal-aġir lamentat u li per konsegwenza ġie ppruvat l-ispoll fil-konfront tal-attriċi."*

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

17. Mill-atti jirriżulta illi l-fond in kwistjoni huwa d-dar matrimonjali tal-attriċi u l-konvenut Jason George Mintoff. Jirriżulta illi l-partijiet huma sseparati *de facto* u li kienet l-attriċi li kienet qed tirrisjedi fid-dar matrimonjali fiż-żmien tal-allegat att spoljattiv. Għalkemm l-appellanti jagħmlu ċertu enfażi fuq il-fatt li l-attriċi kienet qed tqatta xi żmien tgħix mal-ġenituri tagħha, jibqa' l-fatt illi mill-provi jirriżulta l-pussess neċessarju għal finijiet ta' din l-azzjoni. Skont il-liġi, sakemm tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, iż-żewġ konjuġi għandhom dritt li jkollhom aċċess għal u li jirrisjedu fid-dar matrimonjali, irrispettivament mill-kwistjoni tat-titolu fuq l-istess fond, u dan sakemm ma jkunx hemm xi ordni tal-Qorti li xi ħadd mill-partijiet għandu jgħix fid-dar matrimonjali ad

esklużjoni tal-parti l-oħra. F'din il-kawża ma jirriżultax li ngħata xi ordni ta' dan it-tip fil-proċeduri ta' separazzjoni personali li l-partijiet għandhom pendenti quddiem il-Qorti, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom dritt li jkollhom aċċess għal din id-dar.

18. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti illi kienet l-attriċi stess li bidlet is-serratura tal-bieb tal-garaxx u imblokkat is-serratura tal-bieb tad-dar prinċipali bħala "manuvra", il-Qorti tirrileva illi l-ebda provi ma tressqu li jistgħu jwasslu lil Qorti biex taċċetta dan l-argument tal-appellanti. Fejn il-konvenut jiddefendi ruħu kontra l-pretensjonijiet attriċi mhux biss billi jopponi dawn it-talbiet, iżda billi jagħti verżjoni fattwali kontrastanti għal dik attriċi, il-Qorti trid tevalwa liema verżjoni hi l-aktar kredibbli fuq bilanċ ta' probabilita`. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-oneru tal-prova f'din il-kawża huwa wieħed li joqrob aktar lejn dak applikabbli fil-kamp kriminali. L-oneru tal-prova fil-kamp ċivili huwa ta' bilanċ ta' probabilitajiet u m'huwiex permess li jiġi applikat xi grad ieħor ta' prova sakemm mhux indikat fil-liġi. Il-fatt li l-atti allegati jikkostitwixxu wkoll reat huwa rrelevanti, għaliex l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin.

19. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-mastrudaxxa Michael Camilleri, jirriżulta illi t-tibdil tas-serratura tal-garaxx bilfors kellu jsir min-naħa ta' ġewwa. Peress illi ma jirriżultax, u wisq anqas ġie allegat, li kien

hemm xi *break-in* fil-fond in kwistjoni, minn din ix-xhieda loġikament u neċessarjament għandu jsegwi li din is-serratura nbidlet minn xi ħadd li kellu aċċess għall-fond in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta u m'huwiex kontestat illi huma tlieta l-persuni li għandhom ċwievet għal fond in kwistjoni u li għalhekk għandhom aċċess għalih, u ċioe` l-attriċi u l-konvenuti. Il-Qorti wara li reġgħet eżaminat il-provi taqbel mal-Ewwel Qorti li l-verżjoni attrici hi aktar kredibbli. Mhux verosimili li kienet l-attriċi li wettqet dawn l-atti, iżda kienu l-konvenuti bejniethom b'rieda waħda komuni li wettqu l-atti spoljattivi in kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija korretta u m'hemmx lok li tiġi varjata kif mitlub mill-appellanti.

**It-tielet aggravju tal-konvenuti u l-appell inċidentali tal-attriċi**

20. Peress illi t-tielet aggravju tal-konvenuti u l-appell inċidentali tal-attriċi t-tnejn jittrattaw il-kwistjoni dwar jekk il-mertu ta' din il-kawża huwiex eżawrit, il-Qorti tqis li jkun utli li jiġu eżaminati flimkien.

21. Il-konvenuti jargumentaw fl-aggravju tagħhom li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa eżawrit peress li meta ġie esegwit il-mandat ta' deskrizzjoni u ġie sgassat il-bieb, is-serraturi nbidlu minn mastrudaxxa mqabbad mill-Qorti u ċ-ċwievet ġew depożitati taħt l-awtorita` tal-Qorti, fejn għadhom jinstabu

hekk depożitati sallum. Jgħidu li għalhekk illum-il ġurnata huma ma jistgħux jagħmlu dak mitlub fit-tielet talba attriċi, u ċioe` li jispurgaw l-ispoll billi s-serraturi u ċ-ċwievet inbidlu b'ordni tal-Qorti u l-pussess tagħhom jinstab f'idejn il-Qorti.

22. L-attriċi minn naħa tagħha tikkontendi li l-mertu ta' dawn il-proċeduri m'hu eżawrit xejn għaliex kien wieħed biss mill-bibien li ġie sgassat, filwaqt li l-bieb l-ieħor għadu biċ-ċavetta imblukkata ġo fih. Issostni li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-konvenuti u tordnalhom jispurgaw l-ispoll billi jibdlu s-serratura tal-bieb prinċipali.

23. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> *"L-istitut tal-ispoll huwa ntiż sabiex ihares l-istatus quo tal-partijiet u din l-azzjoni hija l-għodda li bih jiħi ripristinat l-istatus quo ante tal-parti li ġiet vjolentement u klandestinament imnezza mill-pussess.*
>
> *Fir-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti jeċepixxu li l-proċediment ġie eżawrit una volta li ċ-ċwievet jinsabu depożitati l-Qorti. Dan l-argument kien ireġi li kieku rriżulta li ma ġiex kommess spoll fil-konfront tal-attriċi. La darba l-Qorti sabet, għar-raġunijiet premessi illi rriżulta li lkonvenuti kkommettew spoll, allura m'għadx hemm lok ta' dikjarazzjoni li l-proċediment huwa eżawrit.*
>
> *Jirriżulta illi in segwitu għall-isgass ezegwit mill-Marixxall tal-Qorti li kellu jaċċedi għall-fond sabiex jeżegwixxi l-mandat ta' deskrizzjoni, is-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar u tal-garaxx inbidlu mill-mastrudaxxa nkarigat mill-Qorti u ċ-ċwievet ittieħdu minnufih mill-Marixxall tal-Qorti li għadda sabiex iddepożitahom fis-safe tal-Qorti. Għalhekk illum il-ġurnata ebda waħda mill-partijiet m'għandha aċċess ghall-fond de quo u kull aċċess meħtieġ jista' jiġi eżeċitat biss u unikament bl-awtorizazzjoni tal-Qorti. Għal dawn ir-raġunijiet ebda wieħed mill-konvenuti ma jista jirripristina l-pussess tal-fond favur l-attriċi.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tilqa' t-tieni u tat-tielet talba kif dedotti."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

24. Minn qari tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti jirriżulta li t-tielet talba attriċi ġiet miċħuda għaliex wara li sar l-iżgass mill-marixxall tal-Qorti, inbidlet is-serratura tal-bieb tal-garaxx minn mastrudaxxa maħtur mill-Qorti u ċ-ċwievet il-ġodda ġew depożitati taħt l-awtorita` tal-Qorti. L-attriċi ssostni li din il-Qorti tista' tawtorizza r-rilaxx ta' dawn iċ-ċwievet u fil-fatt hekk għandu jiġi ordnat b'din is-sentenza. Detto dan, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-iżgass mill-Marixxall kellu jsir proprju għaliex il-konvenuti biddlu s-serratura u meta mar l-ufficjal eżekuttiv biex iwettaq il-mandat ta' deskrizzjoni ħadd mill-konvenuti ma fetaħ u għalhekk kellu jsir l-iżgass. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe spiża li tista' tiġi inkorsa mill-attriċi biex tikseb ir-rilaxx taċ-ċwievet minn taħt l-awtorita` tal-Qorti.

25. Inoltre, kif sewwa targumenta l-attriċi, dan m'huwiex l-unika bieb fuq liema ġie kommess att spoljattiv mill-konvenuti. Jirriżulta illi minn barra li bidlu s-serratura tal-bieb tal-garaxx il-konvenuti wkoll imblokkaw is-serratura tal-bieb prinċipali tad-dar billi ħallew ċavetta maqsuma fiha. Din is-serratura ma ntmissitx mill-marixxal għax hekk jidher mill-provi. Dan ifisser għalhekk li l-konvenuti huma żbaljati meta jeċċepixxu li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa eżawrit peress li mhux minnu li m'hemm l-ebda att spoljattiv li jrid jiġi spurgat minnhom. Għandha raġun l-attriċi li l-Ewwel

Qorti ma kellhiex tiċħad din it-talba tagħha iżda kellha tordna li l-konvenuti jneħħu l-ispoll kommess minnhom meta imblokkaw is-serratura tal-bieb prinċipali tad-dar matrimonjali tal-konjuġi Mintoff.

26. Għaldaqstant l-aggravju tal-konvenuti qiegħed jiġi miċħud, filwaqt li l-appell inċidentali tal-attriċi qiegħed jiġi milqugħ. Peress illi l-aggravji kollha fil-mertu tal-konvenuti ġew miċħuda l-Qorti tqis li m'hemmx għalfejn li jiġi trattat l-aggravju tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tilqa' l-appell inċidentali tal-attriċi, tordna lill-konvenuti jispurgaw l-ispoll kommess minnhom fuq il-bieb prinċipali tal-fond bl-isem "Suenos", Triq Salvu Gambin, Għasri u jirripristinaw l-aċċess tal-attriċi għall-istess fond minnufih, u filwaqt li tawtorizza lil kull wieħed mill-konjuġi Mintoff sabiex jirtiraw kopja taċ-ċavetta depożitata fil-Qorti b'referenza ghall-esekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni 38/2020, tikkundanna lill-konvenuti jirrimborsaw lill-attriċi l-ispejjeż li jistgħu talvolta jiġu inkorsi minnha sabiex tikseb ir-rilaxx taċ-ċwievet tal-garaxx.

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da